**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs.**

**Said Bouslama**

Numru: 1307/2009

Illum 16 ta' Mejju 2019

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Said Bouslama**, ta' tlieta u erbghin (43) sena, iben Mohamed Ben Khamis Ben Salah u Mahraziyah Altaraboulsi, imwieled it-Tunezija nhar l-10 ta' Settembru 1966 u residenti Solair Hotel Pool Area, Flat No. 6, Triq il-Gifen, San Pawl il-Bahar, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 436993(M)

akkuzat talli gewwa San Pawl il-Bahar nhar it-2 ta' Dicembru 2009 ghall-habta tal-5:00 ta' filghaxija:

1. flimkien ma' persuna ohra, dolozament, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioé li minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Anaclet Kumbi f'periklu car, permezz ta' strument li jaqta' u jniggez, ikkaguna feriti gravi ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Anaclet Kumbi skont kif iccertifika Dott. Jurgen Gatt MD tal-Casualty Department ta' l-iSptar Mater Dei;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi irrenda ruhu komplici ma' persuna ohra f'serq ikkwalifikat bil-vjolenza ghad-detriment ta' l-imsemmi Anaclet Kumbi;

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bla ordni skont il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm, jew issekwestra lil xi persuna u cioé lil imsemmi Anaclet Kumbi kontra l-volonta' tieghu;

4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari cioé strumenti li jaqtghu u bil-ponta (sikkina);

5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi huwa zamm u garr strument li jaqta' u bil-ponta (sikkina) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

6. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta' l-imsemmi Anaclet Kumbi sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara;

7. kiser il-provediment ta' sentenza ta' tliet (3) xhur prigunerija sospiza ghal tliet (3) snin moghtija lilu fil-11 ta' Mejju 2007 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dott. Saviour Demicoli LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' htija, titratta lill-imputat bhala li sar recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, Magistrat Dott. Audrey Demicoli LL.D. datata 2 ta' April 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 123) datata 16 ta' Awwissu 2010 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 214, 216(1)(b), 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikoli 261(a), 262(1)(a),(b) u 274(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikoli 86, 87(1)(b)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-Artikoli 6 u 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) fl-Artikoli 28B, 28C, 28D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) fl-Artikoli 17, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-30 ta' Settembru 2010 (*a fol.* 125), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fis-16 ta' Awwissu 2010 (*a fol.* 123) u rat ukoll dak li gie verbalizzat fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2018 (*a fol.* 239) fejn il-Qorti kif preseduta stiednet lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jiehdu konjizzjoni ta' dak li gie verbalizzat fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2010 (*a fol.* 125) quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, f'liema seduta (cioé dik tal-10 ta' Mejju 2018 – *a fol.* 239), il-Prosekuzzjoni u d-difiza rrikonoxxew li fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2010 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja tant li kemm il-Prosekuzzjoni u d-difiza rrinunzjaw ghal kwalunkwe eccezzjoni li l-verbal tat-30 ta' Settembru 2010 seta' johloq f'dawn il-proceduri.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 178 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2017 (*a fol.* 197), lill-Prosekuzzjoni tezenta lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2017 (*a fol.* 200), lid-difiza tiddikjara li kienet qed tezenta lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta u dana ghajr ghad-depozizzjoni moghtija minn Anaclet Kumbi.

Rat illi, permezz ta' Digriet moghti fis-7 ta' Novembru 2017 (*a fol.* 208 *et seq)*, il-Qorti cahdet it-talba tad-difiza rigward l-isfilz tax-xhieda moghtija minn Anaclet Kumbi u ddecidiet li ser tiehu konjizzjoni tal-atti processwali kollha (inkluz tad-depozizzjoni moghtija minn Anaclet Kumbi quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta) u dana ghar-ragunijiet imsemmija fl-imsemmi Digriet.

Semghed, fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2018, lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 227 *et seq.)*.

Semghet lid-diversi xhieda prodotti mid-difiza.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fid-19 ta' Dicembru 2018 (*a fol.* 253 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fit-13 ta' Marzu 2019 (*a fol.* 256 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Dicembru 2009, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Anthony Portelli** (*a fol.* 16 *et seq.*) fejn ipprezenta s-segwenti: (a) certifikat originali fil-konfront tal-allegat vittma mahrug fit-2 ta' Dicembru 2009 (Dok. "AP" – *a fol.* 18), (b) rapport li sar fit-2 ta' Dicembru 2009 (Dok. "AP 1" – *a fol.* 19 *et seq.*), (c) zewg ritratti li ha hu personalment lill-vittma ghax kellmu l-ghada (Dok. "AP 2" – *a fol.* 22), u (d) erba' ritratti ta' Pajero bin-numru ta' registrazzjoni FBO 502 (Dok. "AP 3" – *a fol.* 22).

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Anthony Portelli** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-24 ta' Frar 2010 (*a fol.* 86 *et seq.*) fejn spjega li fit-2 ta' Dicembru 2009 kien CID *duty officer*. Jghid li hekk kif ra li kien sar l-incident *de quo* ghamel kuntatt ma' PS 914. Jghid x'inghad minn Kumbi meta mar l-Ghassa tal-Pulizija. Jispjega li mar l-isptar ghall-habta tat-8.00pm u sab lil Kumbi mistrieh fuq *wheel chair*. Jghid li seta' jara li kellu feriti f'widnejh u li kellu wkoll qasma taht imniehru li jghid jidhru li kienu b'sikkina jew b'xi arma bil-ponta. Jghid li rrizultalu li Kumbi kien gie aggredit. Jghid li l-ghada t-3 ta' Dicembru 2009 kien kellem lil Kumbi fid-Depot fejn qallu li min attakah kienu Gharab u fejn Kumbi spjegalu x'kien gara meta gie aggrediet minn xi persuni. Jixhed dwar ta' dak li qallu Kumbi. Jghid li meta Kumbi gie muri kollezzjoni ta' suspettati barranin, huwa ma ndika lil hadd. Kumbi qallu li kien ra l-Pajero li ggib in-numru ta' registrazzjoni FBO 502 fejn qallu wkoll li din kienet il-Pajero li kienu biha l-persuni li aggredewh. Jghid li rrizulta li l-Pajero hija fuq isem l-imputat. Jghid li minn tfittxija li saret ma kienet instabet l-ebda sikkina li giet deskritta b'manku blu b'sinjal gold. Jghid li l-imputat gie arrestat u ttiehdet id-Depot u jixhed dwar dak li qallu Bouslama. Jixhed: *"Jiena rrid nghid ukoll li hadtlu r-ritratti, kemm tieghu u kif ukoll ta' John Borg li aktar tard kont arrestajtu u fl-istess hin sakemm zammejtu arrestat ghajjat biex jigi s-Sur Kumbi fejn dan identifikah mill-ewwel mir-ritratt"* (*a fol.* 90). Jghid li kien difficli li issir *Identification Parade* u dana peress li l-imputat huwa bniedem pjuttost twil u mhux facli li jinstabu dawk it-tip ta' nies b'dik l-istatura. Jghid: *"Imma kien cert li kien hu"* (*a fol.* 90). Jghid li Borg fl-ebda hin ma gie ndikat li f'xi hin hu ha parti u attakka lil Kumbi. Ikkonferma li lill-imputat ittiehditlu l-istqarrija mmarkata bhala Dok. "AP 1" (*a fol. 7 et seq.*). Ezebixxa formalment

bhala Dok. "AP" il-vettura Mitsubishi Pajero bin-numru ta' registrazzjoni FBO 502. Ezebixxa wkoll sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat fil-11 ta' Mejju 2007 liema sentenza giet immarkata bhala Dok. "AP 1" (*a fol.* 93 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Dicembru 2009, xehed ukoll **Anaclet Kumbi** (*a fol.* 25 *et seq.*) fejn spjega li fit-2 ta' Dicembru 2009 mar jixtri bott tadam minn ghand Piscopo. Jghid: *"Meta tlaqt jiena bdejt nimxi triq dritta, wasalt u wasalt f'salib it-toroq. Fuq ix-xellug tieghi jiena rajt karozza tat-tip Pajero blu u waqaft mill-ewwel. F'dak il-hin jiena rcevejt telefonata minn ghand ommi u bdejt inpacpac maghha. Jiena bdejt nitkellem u niggestikula. Il-Pajero ghaddiet minn hdejja u marret ukoll warajja. Jiena komplejt miexi quddiem il-Pajero imma f'dan il-hin kont ghadni qed nitkellem ma' ommi u dan kollu fil-main road, kont qed inhares madwari. U rajt li kien hemm persuna li nizlet mill-karrozza"* (*a fol.* 26). Jispecifika li kien ragel u jghid li fil-Pajero kien hemm tliet persuni. Jghid li l-persuna li nizlet mill-vettura resqet lejh u messu kif wera. Il-Qorti ndikat: *"Il-mossa ghamel hu kienet b'certu forza. Bejn tmiss u dak li ghamel hu hemm differenza kbira ghax imbuttak mal-hajt"* (*a fol.* 26). Jghid li gie dan ir-ragel messu fuq spalltu u mbuttah lura. Jghid li dan ir-ragel staqsieh ghala kien uza jdejh biex jaghmel il-mossa li wera. Il-Qorti qalet: *"Qata' idejh jigifieri"* (*a fol.* 27). Jghid li talab lil dan il-persuna jhallieh imur, hu (Kumbi) telaq, dar mal-kantuniera, hu (Kumbi) kellu l-basket fuq dahru, u dan il-persuna qabdu mill-*haversack* u staqsieh x'kien. Jghid li dan il-persuna l-ohra ntroduca ruhu billi qallu li kien Libjan. Jghid li wara ftit minuti, meta kien sejjer lura, ra lil din il-persuna rega' qabdu minn wara mill-*haversack* u qallu li kien Pulizija u mar l-imputat u kkonferma dan. Jghid li dawn iz-zewg persuni bdew ifittxulu. Jghid li nehhewlu l-*haversack* minn fuqu, fethuh u hargu kollox minnu u l-imputat hadlu t-tadam u ghamlu ma' halqu. Jixhed: *"Wara ha l-basket u anke l-ID card. Gara kollox ma' l-art, pogga l-ID card tieghi go halqu, kompla jiftah il-bieba tal-karozza bl-ID card dejjem bejn xuftejh"* (*a fol.* 28). Jghid li dahal fil-vettura Pajero, hareg b'sikkina mill-vettura u mar quddiemu biha. Jghid: *"Kif gie ezatt quddiemi pprova qisu jghallaqni. Imbuttani kif qed nuri 'l isfel. Rega' qabadni minn ghonqi u hezzizni minn ghonqi. Imbaghad poggieli s-sikkina hawnhekk fejn qed nuri, jigifieri ma' mniehri, man-nostril u qalli "Zakama" u mbaghad hdejn widnejja rega' rripeta hafna vicin ta'*

*widnejja l-kelma "Zakama""* (*a fol.* 29). Jghid li dan kien insult u li *"Zakama"* tfisser *"ommok"* (*a fol.* 29). Jghid li persuna minn naha tal-lemin u ohra min-naha tax-xellug zammewh minn genbejh. Jispjega: *"Din il-persuna li wrejtkom fethet il-bieba tal-karozza u riedu jippruvaw ipogguni gol-karozza u jiena rrifjutajt u ma ridtx nidhol fil-karozza. Imbaghad hallewni. Irnexxieli niehu l-ID Card u l-karta tal-Pulizija"* (*a fol.* 29). Jghid li l-karta tal-Pulizija hija awtorizzazzjoni biex hu jkun jista' jghix Malta. Jghid li dan id-dokument ghamlu fil-basket, telaq u peress li l-bott tat-tadam kien mitfugh band'ohra hu mar u gabru u mar l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra u spjega x'gara. Jghid li l-Pulizija marru mieghu fuq il-post, ittiehed b'ambulanza l-isptar u mbaghad spjega lill-iSpettur Portelli dak li kien gara. Jghid li kellu bzonn imur l-isptar peress li ma kienx qed ihossu tajjeb u peress li gie ferut b'mod gravi bis-sikkina (hdejn imniehru u anke hdejn widnejh). Jghid li gie ferut mill-imputat li jghid li kien qed isuq il-Pajero li nizel minnha. Jghid li dakinhar ma kienx jafu lill-imputat. L-imputat gie identifikat fl-awla minn Kumbi. Jghid li l-Pajero hija dik li tidher f'ritratti li jinsabu f'Dok. "AP 3" (*a fol.* 22). Jghid li meta ra din il-Pajero, hu waqaf sabiex tkun tista' tghaddi. Jghid li ftit jiem wara, rega' ghadda minn fejn kien aggrediet peress li l-kulur tal-vettura baqa' vividu f'mohhu u ha n-numru tal-vettura peress li raha f'Bugibba fejn hemm l-istand tat-*taxis* u ta n-numru taghha lill-Pulizija. Meta gie mistoqsi mill-Qorti jghid kif kien jaf li kienet dik il-Pajero li tidher f'ritratti f'Dok. "AP 3" (*a fol.* 22) peress li Pajero blu ma tezistix wahda biss, wiegeb: *"Ghax meta dan waqaf milli jaggredini, jiena kont rajt il-kulur tal-karrozza veru sew"* (*a fol.* 33). Jghid ukoll: *"Ghax jiena bqajt niftakar, jiena gharaft il-persuna, kelli d-dettalji ta' l-incident f'mohhi u jiena naf dak il-kulur blu li kien l-istess"* (*a fol.* 33). Jghid li meta ra l-Pajero hdejn it-*taxi stand* f'Bugibba ma kien hemm hadd go fiha. Jghid li fil-*haversack* kellu €20.00 u mistoqsi jghid min hadhomlu, jghid: *"Il-flus waqghu ma' l-art"* (*a fol.* 34). Jghid: *"jiena minix cert jekk kienx hu jew il-persuna l-ohra imma xi hadd minnhom hadhom"* (*a fol.* 34). Jghid li t-tielet persuna qatt ma harget mill-vettura. Jghid li minkejja li mhux kapaci jaghti d-dettalji tal-wicc tat-tielet persuna, baqa' jiftakar lill-imputat. Fir-rigward tal-persuna l-ohra, jghid: *"Persuna ta' statura qasira, daqxejn mibrum u dak inhar kien liebes xi haga tal-gilda, il-jeans, dak"* (*a fol.* 35). Jghid li t-tabib ghamillu test

tal-alkohol u mbaghad kellhom isirulu erba' punti hdejn imniehru u tmien punti f'widnejh. Mistoqsi jghid kif graw dawn il-qatghat, jghid: *"Zammewni minn ghonqi, gibduni lura, wiehed zammni u l-iehor huh bis-sikkina, qalli darbtejn, f'kull qata' "Zakama""* (*a fol.* 35). Jghid li l-qata' saret bis-sikkina u jghid li s-sikkina kienet f'idejn l-imputat. Jixhed: *"Il-persuna li qeghda hawn ghax jiena niftakar wiccu sew. Dan kien il-persuna li ghamilli l-qatghat go wicci"* (*a fol.* 36).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li dan gara fil-5.00pm hdejn ic-*cinemas* ta' Bugibba. Jghid li ma kienx hemm nies. Jghid li l-incident ma tantx dam. Mistoqsi jghid kemm dam minn meta ra l-Pajero l-ewwel darba sakemm telqu, jghid li forsi dam ghoxrin minuta. Mistoqsi jghid jekk tul dan il-hin kollu harigx xi hadd mis-*cinema* u jekk marx xi hadd lejn is-*cinema* u li ma kien ghadda hadd minn dawk l-inhawi, wiegeb li qed jghid il-verita' u li hu ma ra lil hadd. Jghid li hu ma talab l-ghajnuna lil hadd. Jghid li ma ra lil hadd anqas meta nghad lilu li hdejn is-*cinemas* go Bugibba, hemm *guesthouses* u *restaurants*. Jghid li hadd ma pprova jwaqqaf l-argument jew glieda. Meta nghad lilu li, in ezami, qal li huwa waqaf meta ra l-Pajero blu, qal: *"Jiena ghidt u ha nerga' nirrepeti li jiena bdejt nimxi fit-triq dritta"* (*a fol.* 38). Mistoqsi jghid jekk kienx jaf lil xi hadd minnhom, jghid: *"Jiena m'gharaft lil hadd"* (*a fol.* 38). Mistoqsi jikkonfermax li hu kien jaf lill-persuna li nizlet kellmitu, wiegeb: *"Le jiena minn din il-karozza ma kont naf lil hadd, lanqas lil dawk in-nies li nizlu minnha"* (*a fol.* 38). Jghid li hu waqaf sabiex tkun tista' tghaddi l-vettura u jkun jista' jkompli jimxi wara li tghaddi. Mistoqsi jghid jekk waqafx jitkellem ma' ommu f'nofs ta' triq, wiegeb fl-affermattiv u waqaf biex tghaddi l-vettura f'liema hin baqa' jiggestikola f'nofs tat-triq. Jghid li ommu mill-Congo u talbitu l-flus. Il-Qorti nnutat: *"Nista' nghid li r-ragel jiggestikula hafna"* (*a fol.* 40). Jghid: *"U jiena meta bdiet tghidli hekk bdejt intella' u nnizzel idejja"* (*a fol.* 40). Jghid li hu jitkellem b'dan il-mod. Jispjega li meta mar l-isptar it-tabib kien staqsieh jekk kienx xorob xi alkohol u hu wiegbu fin-negattiv. Jghid li hadlu test. Jghid li ha n-numru tar-registrazzjoni tal-vettura wara li kien raha peress li dak il-hin tal-akkadut ma rahx f'liema hin kien ferut. Jghid li l-imputat ma kienx l-ewwel persuna li hareg inizjalment mill-vettura. Jikkonferma li kien ma' l-ewwel persuna li hu (Kumbi) kellu

argument kemm bil-kliem u kemm bl-idejn. Jghid: *"Iva ghax huwa imbuttani"* (*a fol.* 42). Jghid li meta gie mistoqsi ghala ghamel dik il-mossa, hu qallu li ma kinitx immirata ghalih. Mistoqsi jghid jekk hux minnu li hu (Kumbi) beda jsawwat lil dan il-bniedem bil-bott tat-tadam li kellu, l-interpretu qalet: *"Mhux qed nifhem il-mistoqsija"* (*a fol.* 43), imbaghad qalet: *"Qalli ghamluli mistoqsija fuq l-istorja li grat"* (*a fol.* 43), imbaghad qal li ma uza xejn. Jghid li hu (Kumbi) ma ghamel xejn fir-rigward tal-ewwel persuna. Jghid li lill-Pulizija qallu li din l-ewwel persuna mbuttatu u li ma qalx li din l-ewwel persuna sawtitu. Ghad-domanda: *"Jekk nghidlek li inti lill-iSpettur ghidtlu li l-ewwel persuna bdiet issawtek u taghtik bil-ponn go wiccek u minn gol-but haditlek €30, xi tghidli?"* (*a fol.* 44), wiegeb: *"Le din l-ewwel persuna lili ma sawtitnix"* (*a fol.* 44). Meta l-avukat qallu: *"Mela mhux veru li ghidt lill-Pulizija fl-istqarrija tieghek"* (*a fol.* 44), wiegeb: *"Jiena ma ghidtx kliem b'iehor lill-Pulizija ghax dan ma sawwatniex. Qabadni minn ghonqi u prova jghallaqni"* (*a fol.* 44). Meta l-Avukat qallu: *"Jekk nghidlek li t-tieni persuna li harget, harget biss wara li kien hemm glieda ghaddejja bejnek u dik l-ewwel persuna u hareg biex proprju jipprova jferraqkom u beda jghidlek "Pulizija, Pulizija, gejjin il-Pulizija""* (*a fol.* 44), wiegeb: *"Din il-persuna kienet gewwa. Ma gietx biex verament tisseparana. Kieku giet biex verament tferraqna ma kienux imbaghad iferuni ghax l-ewwel persuna uzat idejha. It-tieni persuna gabet is-sikkina"* (*a fol.* 45). Ma jafx jekk l-ewwel persuna kinitx feruta. Jghid li t-tielet persuna ma ghamlitlu xejn u jghid li baqghet dejjem fil-vettura. Minkejja li l-avukat qallu li huwa qal lill-iSpettur li din it-tielet persuna harget mill-vettura, qalet xi haga bl-Gharbi lil dawn in-nies u rega' dahal fil-vettura, jichad u jghid li t-tielet persuna qatt ma nizlet mill-vettura. Jghid li lill-Pulizija hu qallu li t-tielet persuna ma hargitx mill-vettura. Meta nghad lilu li fir-rapport tal-Pulizija hemm imnizzel li meta hu mar jaghmel rapport qal li kien gie msawwat minn tliet irgiel Gharab, wiegeb: *"Kienu tlieta persuni imma tnejn lili sawwtuni"* (*a fol.* 46). Meta nghad lilu li fir-rapport tal-Pulizija hemm imnizzel li hu qal li kienu tliet persuni Gharab li hargu mill-vettura u bdew isawwtuh ghal ebda raguni, wiegeb: *"Le zewg persuni mhux tlieta"* (*a fol.* 47). Mistoqsi jghid x'qal fir-rapport, jghid li qal is-segwenti: *"Jiena ghidt li kienu tlieta min-nies, tnejn sawwtuni u wiehed li pogga s-sikkina"* (*a fol.* 47). Jghid li mar l-Ghassa tal-Pulizija bil-mixi. Mistoqsi jghid kif spicca l-

argument, jixhed: *"L-incident spicca meta wara li kien ghamel is-sikkina hawn u hawn, riedu jimbuttawni gol-karozza u jiena ma ridtx nidhol fil-karozza u mbaghad hallewni u hemm jiena mill-ewwel tlaqt ghand il-Pulizija"* (*a fol.* 47). Meta nghad lilu li mic-certifikat mediku (Dok. "AP" – *a fol.* 18) u mir-rapport tal-Pulizija (Dok. "AP 1" – *a fol.* 19 *et seq.*) jidher li ma kellu xejn f'imniehru, wiegeb: *"Jiena kelli ferita hawn hekk u mbaghad ohra hdejn il-widna"* (*a fol.* 47). Il-Qorti nnutat li Kumbi kien qed jindika taht imniehru tant li Kumbi qal: *"L-imnieher le. Hawnhekk fejn qed nuri"* (*a fol.* 48). Kumbi wera widnejh u fuq ix-xoffa. Jghid li hu qatt ma qal go mniehru. Jghid li qal vicin ta' mniehru u mbaghad widnejh. Mitlub jaghti deskrizzjoni taz-zewg persuni l-ohra ghajr l-imputat li identifika fl-awla, jghid li l-ewwel persuna li zammitu kienet qasira (mhux ohxon – mibrum – *a fol.* 49) u l-persuna li baqghet fil-vettura ma jafx ghax kien bil-qieghda fil-vettura. Jghid li l-ewwel persuna qaltlu li kien Libjan. Jghid li ma jafx x'jismu. Jghid li hu (Kumbi) ilu Malta mit-12 ta' Settembru 2004. Jghid ukoll li jahdem f'Malta u li huwa jifhem bl-Gharbi peress li kien jghix Tripoli ghal ghaxar xhur. Jghid li peress li ilu Malta hames snin, jekk xi hadd ikellmu bil-Malti, jirnexxielu jsegwi.

In <u>ri-ezami</u> jghid li meta ghamel ir-rapport lill-Pulizija ghamlu bil-lingwa Ingliza.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Dicembru 2009, xehed ukoll **Brian Farrugia** (*a fol.* 53 *et seq.*) in rapprezentanza tal-ADT. Spjega li minn ricerka li ghamel irrizulta li fit-2 ta' Dicembru 2009 l-imputat kellu registrati fuq ismu zewg vetturi: wahda bin-numru ta' registrazzjoni FBO 502 li hija Mitsubishi Pajero ta' kulur blu *silver* (li ilha registrata fuq ismu mit-2 ta' Settembru 2009) u wahda bin-numru ta' registrazzjoni DBO 208 li hija Mitsubishi Jipsy ta' kulur abjad (li ilha registrata fuq ismu mill-4 ta' Dicembru 2006). Ezebixxa d-dokument li xehed fuqu li gie mmarkat bhala Dok. "BF" (*a fol.* 55 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Frar 2010, xehed **PS 914 Ivan Mifsud** (*a fol.* 80 *et seq.*) fejn spjega li fit-2 ta' Dicembru 2009 ghall-habta tal-5.25pm kien xoghol fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra fejn dahal certu Anaclet Cumbi (ID 36398(A)) li kellu xi daqqiet u demm iqattar.

Jixhed: *"Kellimtu u qalli li x'hin qabez it-Triq il-Korp tal-Pijunieri kif qabez is-cinema waqfet karozza Mitsubishi Pajero blu mit-twal u qalli li nizlu tliet irgiel ta' nazzjonalita' Gharbija minnu u qabdu jaghtuh ghal xejn b'xejn u wiehed minnhom hadlu €30. Nghid li dak il-hin it-triq ma kienx cert minnha imma kien hemm mara li toqghod fi Triq il-Hgejjeg taghmel rapport u qalli li joqghod hemm f'dik it-triq u wiehed mill-aggressuri joqghod f'dik it-triq ukoll"* (*a fol.* 80). Jispjega li dakinhar stess aktar tard, hu (PS 914) kien jinsab fuq incident stradali u nnota lill-imputat, li jghid li kellhom suspett li seta' kien involut, u waqqfu (lill-imputat). Jghid li l-imputat kien jinsab ma' certu John Borg u meta staqsa lil Borg jekk kellhomx xi jghidu, Borg wiegbu fin-negattiv u qallu li kemm kien ilu mieghu l-imputat, la hu (Borg) u anqas l-imputat ma kellhom xi jghidu. Jghid li l-imputat qallu li ma kellu xi jghid ma' hadd. Jixhed: *"Sakemm qed inkellem lil Said dahlitli informazzjoni li persuna Afrikana ohra dahlet l-Ghassa wkoll b'xi daqqiet ta' sikkina u fi triq vicina ta' fejn gara l-ewwel incident. U dak il-hin peress li rajthom fil-qrib is-suspett minn fuq Said qisu nehhejtu peress li kien kaz simili u hallejtu sejjer"* (*a fol.* 81). Jghid: *"U semmieli fejn kienu qed jixorbu u wara ccekkjajt min kienu qed jixorbu ghax kelli bzonn naghmel spezzjoni fl-istess hanut, il-Kazin tal-Labour ta' San Pawl il-Bahar u qaluli "iva hawn hekk kienu qed jixorbu zgur imma hargu u ma kellhom xi jghidu ma' hadd hawn hekk". U ghaddiet"* (*a fol.* 81). Jghid li aktar tard Kumbi mar l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra u sab lill-kollegi tieghu (ta' PS 914) u qalilhom li gharaf lill-imputat u li rah diehel go 35, Josephine Flats, Triq il-Hgejjeg, San Pawl il-Bahar. Jghid li Kumbi kien ha certifikat mediku mahrug minn Dr. Jurgen Gatt li fih kien jinghad li kien sofra griehi ta' natura gravi. Jghid li minn ricerka li ghamel jekk kellux armi registrati fuqu, irrizulta li ma kellux licenzja biex igorr armi. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "IM" (*a fol.* 83 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Lulju 2010, xehed **Dr. Jurgen Ronald Gatt** (*a fol.* 113 *et seq.*) fejn spjega li fit-2 ta' Dicembru 2009 fil-11.30pm ezamina lil Cumbi Anaclet u ccertifika li kellu *laceration* ta' 2cm *over the cheek* u *laceration* fil-widna tax-xellug. Jghid li dehrlu li dawn kienu gravi peress li setghu jhallu marka permanenti fil-wicc. Jghid li fl-opinjoni tieghu dawn setghu gew kagunati b'xi haga *sharp*.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Lulju 2010, xehed ukoll **John Borg** (*a fol.* 115 *et seq.*) wara li nghata t-twissija skond il-ligi. Jghid li lill-imputat jafu peress li l-imputat gie li mar fil-pub u fil-lukanda li huwa sid taghha. Mistoqsi dwar dak li gara fit-2 ta' Dicembru 2009 jghid li hu dahal fil-Kazin Laburista ta' San Pawl il-Bahar fejn kien hemm mejda nies qed jixorbu, fosthom l-imputat, u bdew jixorbu. Jghid li minn hemm marru ghand Johnny's Bar fejn hadu zewg *drinks* ohra. Jghid li hu (Borg) kien fis-sakra u anqas kien jaf x'qed jaghmel u riekeb mal-imputat. Jghid li l-imputat ghandu Pajero bhal tieghu. Jghid li hu raqad, la jaf jekk hux wara u anqas quddiem tal-vettura, u filghodu sab ruhu rieqed l-lukanda tieghu. Jghid li ghandu amment li xi mkien kienu waqqfuhom pero' ma jafx fejn. Jghid li kien hemm xi *road block* jew ghax kien habat xi hadd u jiftakar li kien hemm xi Pulizija. Jghid li anke l-imputat kien xorob.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2018, xehed l-imputat **Said Bouslama** minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 227 *et seq.*) fejn spjega li mar flimkien ma' John Borg mlaqqam il-Casanova ghand il-hanut li jsejhulu Germaniz, *Johnny's Bar*. Jghid li minn hemm hadu *drink* wiehed u marru s-Solair li jinsab fil-kantuniera fejn joqghod hu (l-imputat), cioé wara s-*cinema* ezatt. Jghid li John Borg mar mieghu fil-vettura u: *"Ahna u sejrin waqqafni persuna li bil-wicc nafu sewwa. Rajtu xi tliet darbiet, erbgha, jigifieri wiccu mhux ha jahrabli minn imkien. "U ghamilli pjacir ghax tlift tal-linja u rrid inmur Ghawdex""* (*a fol.* 228). Jghid li dan il-persuna huwa ta' nazjonalita' Libjana. Jghid li tella' lil dan il-persuna maghhom u kif waslu hdejn is-*cinema* qallu: *""zomm, zomm dan hu li ridt inkellmu arah, minhabba dan gejt jien" u waqqaftlu jien"* (*a fol.* 228). Jghid: *"Le jien mill-boghod rajtu kif nizel u rajtu mar ikellmu dan il-persuna mill-Afrika mhux Malti jew nazzjonalita' Gharbija u qaghdu jimxu flimkien ghandu idu fuq spalltu, jimxu u jitkellmu jimxu u jitkellmu xi kultant jargumentaw bl-idejn u waqqfu u ma nafx x'inhu u jien gew hbieb tieghi jkellmuni quddiem is-cinema u aljenajt rasi u ma rajt xejn. Qeghdin nitkellmu "kif int? allright it-tfal?" u ma nafx x'inhu. Ghidtilhom "kollox sew" u hekk u f'hin u iehor nisma' "Ara Madonna x'jaghtu hemmhekk" u harist wahda hekk ghidt "ara dak mhux dak l-ostja" jien skuzani, sorry, u soqt quddiem"* (*a fol.* 228-229). Jghid li l-Libjan u l-iehor bdew jaghtu. Jghid li l-ewwel li kien ra lil dan il-persuna l-ohra (li wara sar jaf li huwa

Afrikan) kien meta l-Libjan nizel ikellmu. Jghid li dan l-Afrikan xehed fil-Qorti u gideb li hu (l-imputat) kien imdahhal fiha. Jghid li x'hin wasal hdejhom, kemm il-Libjan u l-Afrikan kienu bid-demm *"it-tnejn li huma wiehed ghandu daqqa hawn fi gbienu b'bott tat-tadam u l-iehor kellu xi haga f'idejh ukoll fil-fatt qatali idejja jien"* (*a fol.* 230). Mistoqsi jghid kif inqatghetlu jdejh, wiegeb: *"Mela qbizt fin-nofs ghax l-iehor kien maghna fil-karozza u hekk u gbidtu ma' hallejtux fuq l-iehor biex jaghtih, l-iehor fl-istess hin mort inferraqhom u xejjirli daqqa ta' bott, ried jaghtiha lill-iehor, nghid il-verita' hu ried ixejjirha lill-iehor u farrakli subghajja u mbuttajtu u offendejtu"* (*a fol.* 230). Kompla jispjega kif spicca ferut fil-pala ta' idejh tal-lemin (l-imputat). Jghid: *"U ferini, jien gbidtu, "imxi ha mmorru 'l hemm" jew inkella halli nkun iktar jien qed nghidlu "allright itlaq", tlajt fuq il-karozza u ergajt inzilt biex nerga' nferraqhom biex ma jmurx jerga' jaghtih u l-iehor ixxuttjah bis-sieq rega' u kien mal-art miskien kellu f'wiccu ferita u sejjer hekk u l-iehor jaghtih bis-sieq fl-art u ergajt gbidtu ghidtlu "ha nhallikom". Jien soqt ha nitlaq u mbaghad gie u tela' mieghi tela' gol-karozza. Minn hemmhekk gara x'gara ma nafx x'inhu, qal "ghax diga tnejjek bija kemm il-darba u jigi u ma jigix ma nafx" x'inhu ghal flus li bejniethom kienu u jien ma kontx naf xejn x'kien hemm fin-nofs. Imbaghad fit-triq beda jitkellem minhabba certu affarijiet, ghidtlu "imma ma kellekx ghalfejn iddahhalni hekk fiha lili", qalli: "ahjar ghalih" u ma nafx x'inhu"* (*a fol.* 231). Jghid li minn hemm marru hadu *drink* u marru c-Cirkewwa u meta kienu gejjin lura waqqfu s-Surgent ix-Xemxija. Jghid li lis-Surgent qallu li hu (l-imputat) ma kellu xi jghid ma hadd. Jghid li sussegwentement gie arrestat. Ikkonferma li fil-vettura sabulu *tape* u mqass. Jghid: *"Urejtu anke lis-Surgent tas-CID kelli l-indicator u d-dawl imdendel bit-tape b'kollox u dawk mhux lilu biss, anke spanners u kollox ghandi kaxxa ghalih…"hu l-kaxxa kollha", qalli: "le ahna naghzlu x'niehdu""* (*a fol.* 232). Jghid li lill-iSpettur qallu li ma kellux x'jaqsam maghhom.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk lill-Gharbi li rikkeb fil-Pajero ghax kien tilef il-karozza tal-linja kienx jafu jew le, jghid li rah darbtejn jew tliet darbiet ghand il-barbier. Jghid li mill-incident tas-sena 2009 sa meta xehed rah ghaddej bil-vettura fit-triq. Mistoqsi jghid jekk qattx ha n-numru tal-vettura li jkun biha u tah lill-Pulizija, wiegeb fin-negattiv. Jghid li minkejja li offra lill-Pulizija fejn jistghu jsibu lil dan il-persuna, huma ma accettawx l-offerta.

Jghid li tkellem mal-iSpettur Portelli meta hu (l-imputat) gie arrestat dwar dan il-kaz.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2018, xehed ukoll **PS 1147 Antoine Fenech** (*a fol.* 236a *et seq.*) fejn qal li fil-15 ta' Dicembru 2009 l-imputat kien gie skortat minn PC 971. Jghid li r-ritratti ingibdu minnu stess (minn PS 1147). Fir-rigward tal-*finger prints* qal: *"stajt kont jien, stajt ma kontx pero' ma nafx min kien gibidhom, kont prezenti zgur"* (*a fol.* 236a). Mistoqsi dwar il-pala tal-id, wiegeb: *"Dik hemmhekk ma ttihdietx finger prints taghha palm print taghha ghar-raguni li l-istess Bouslama kien qal li mugugh pero' is-swaba tal-id right hand side kollha ttehdulhom l-impression jigifieri dan l-id setghet iddur pero' meta naghmlu l-impressions biex nghafqu fuq il-pala sabiex johrog il-linka mal-karta hemmhekk trid taghmel naqra press fuqha hemmhekk hu kkomplejna u xtaq li ma johodhiex peress li kien mugugh"* (*a fol.* 237).

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk ittiehdux ritratti tal-pala tal-id li l-imputat qal li kien migugh fiha, wiegeb: *"Ir-ritratti ngibdu normali kif ingibdu s-soltu, l-idejn jidhru pero' m'hemm xejn indikattiv fuq l-idejn"* (*a fol.* 237). Meta l-Prosekuzzjoni qaltlu li ma kienx hemm ritratt tal-idejn, wiegeb: *"Generali. F'ritratt minnhom hu jindika li qed izomm idejh"* (*a fol.* 237). Ezebixxa erba' ritratti li jghid li huma l-profil minn quddiem u mill-gnub tal-istess persuna kif ukoll id-dettalji tal-persuna min hu, li gew immarkati minn Dok. "AF 1" sa Dok. "AF 4" (*a fol.* 238).

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2018, xehed **Geoffrey Borg** (*a fol.* 241 *et seq.*) fejn qal li ilu jaf lill-imputat peress li hu (Borg) ilu joqghod Bugibba sittax-il sena u gie li jiltaqghu Bugibba jiehdu kafé, jew filghodu jew filghaxija. Jispjega li madwar tmien-disa' snin qabel (qabel is-sena 2018), ghal habta ta' Dicembru kien hiereg mat-tfajla tieghu mis-*cinema* ta' Bugibba ghall-habta tal-5.30 u jiftakar li kien hemm xi hadd qed jiggieled u ra numru ta' nies migburin. Jghid li ma jafx min kien qed jiggieled pero' jghid li ra li wiehed kien ta' karnaggjon iswed u jahseb li kien Afrikan u l-iehor jahseb li kien Gharbi. Jghid li baqa' ghaddej u jiftakar li kien hemm vettura Mitsubishi blu tal-imputat. Jghid li din il-vettura ccaqalqet, imbaghad waqfet u l-glieda baqghet. Jiftakar li l-Gharbi: *"hareg*

*kellu xi sikkina jew kellu xi haga taqta' f'idu ma nafx ma rajtux"* (*a fol.* 242). Jghid li lill-imputat rah rikeb fil-vettura u li hu ma kellu xejn u li hu nizel u pprova jferraq il-glieda. Jghid li zmien wara ltaqa' mal-imputat fejn qallu li l-Gharbi kien laqtu f'idu b'xi sikkina jew b'mus.

In kontro-ezami mistoqsi jghid fejn ra lill-imputat ezatt dakinhar tal-glieda, wiegeb li l-imputat kien fil-vettura Mitsubishi Pajero ta' kulur blu naqra l-fuq mis-*cinema*. Jghid li l-imputat kien wara l-i*steering*. Mistoqsi jghid jekk l-imputat kienx wahdu fil-vettura, wiegeb: *"Mela jien qghadt nittawwallu fil-karrozza ma' min kien qieghed"* (*a fol.* 244). Meta gie mitlub biex iwiegeb, wiegeb: *"Ma nafx hux"* (*a fol.* 244). Jghid li kien hemm hafna nies u ma jafx kemm kienu qed jiggieldu imma ra wiehed ta' karnaggjon iswed Afrikan u iehor qisu *half-cast* Gharbi. Jghid li lill-Gharbi rah b'sikkina, b'mus jew b'imqass f'idu u wara ra l-Pajero. Jghid li ra lill-imputat nizel mill-Pajero u rah mar iferraq. Mistoqsi jghid jekk jafx jekk xi hadd miz-zewg min nies li semma kienx mal-imputat, wiegeb li ma jafx. Mistoqsi jghid ezatt x'beda jaghmel l-imputat, wiegeb: *"Issa jien naf ezatt x'ghamel!"* (*a fol.* 245). Meta rega' mistoqsi jispjega ezatt x'ghamel l-imputat, wiegeb: *"Mela jien naf ezatt x'ghamel? Jien naf li beda jferraq!"* (*a fol.* 245). Jghid li hu kien jinteressah minn sahtu (ta' Borg) u tat-tfajla tieghu. Jixhed: *"Iva kien qed iferraq imma x'gara wara ma nafx"* (*a fol.* 246). Jghid li ra lill-imputat jigbed lill-wiehed fuq naha u lill-iehor fuq in-naha l-ohra. Juri b'idejh li kellu id fuq naha u id fuq ohra. Mistoqsi jghid jekk l-imputat kienx jaf lil xi wiehed minn dawn in-nies li kien qed iferraq, wiegeb: *"Issa la naf u lanqas jinteressani"* (*a fol.* 246).

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2018, xehed ukoll **Paul Washimba** (*a fol.* 247 *et seq.*) fejn qal lill-imputat ma jafux ezattament pero' jiftakar li rah fl-*area* fejn joqghod hu (Washimba) fejn kien hemm l-*accident* ta' madwar disa' snin qabel, bejn wiehed u iehor fl-10 ta' Dicembru fil-ghaxija. Jghid li hu (Washimba) kien mixi ma' Anaclet Kumbi man-naha tas-*cinema* fejn, f'hin minnhom, ra persuna maskili mil-Libja li, jekk mhux sejjer zball, kien joqghod f'dik l-*area* wkoll. Jghid li Kumbi u dan il-Libjan bdew jiggieldu u li hu (Washimba) mar iferraqhom u li l-Libjan kellu sikkina u li wara

ftit minuti mar l-imputat biex iferraq ukoll. Jixhed: *"he came to do I was doing to separate and he was separate the guy was with the knife trying to… that guy with knife and then in Said hand"* (*a fol.* 248). Jghid li l-imputat kien qed isuq vettura ta' kulur blu. Mistoqsi jghid ghala qatt ma kellem lill-Pulizija dwar dan l-incident, wiegeb: *"I was not thinking to call Police. I was trying to separate to know what happen the man and this guy to attack this guy"* (*a fol.* 249). Jghid li hu jaf lill-imputat u mistoqsi mill-Qorti ghala ddecieda li jixhed fil-Qorti wara li ghaddew dawn is-snin kollha, wiegeb: *"Because I asked him after two…I asked him I saw him and asked him what happened to you"* (*a fol.* 249). Jghid li l-imputat qallu li kien il-Qorti flimkien ma' dan il-persuna.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid minn fejn gie l-Libyan, jghid: *"I saw him just jump when he came to my friend [Anaclet]"* (*a fol.* 250). Jghid li ra lill-imputat ghax mar madwar zewg minuti wara. Mistoqsi jghid jekk rax vettura, wiegeb fl-affermattiv u jghid li kienet Mitsubishi blu. Jghid li ra lill-imputat hiereg minnha. Mistoqsi jghid jekk il-Libjan harigx mill-istess vettura, wiegeb li ma jafx. Jghid li l-ewwel li ra kien lill-imputat u li l-imputat kien fil-vettura. Mistoqsi jghid jekk kienx hemm xi hadd iehor fil-vettura tal-imputat, wiegeb fin-negattiv. Jikkonferma li l-Libjan kellu sikkina u li l-Libjan laqat lill-imputat f'idu biha meta l-imputat mar iferraq. Jghid li ma jafx fejn spiccat din is-sikkina. Jghid li hu baqa' sejjer ma' Anaclet Kumbi d-dar tieghu (ta' Washimba). Jghid li l-imputat telaq minn fuq il-post bil-vettura u mistoqsi jghid jekk il-Libjan marx mieghu (mal-imputat), wiegeb: *"No I don't see the Libjan guy again. I just take my friend to go there"* (*a fol.* 252).

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' konsiderazzjonijiet generali.

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat

huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni".*

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt".*

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi qabel il-Qorti tipprocedi ulterjorment, il-Qorti tinnota li ser tigi skartata l-istqarrija (Dok. "AP 1 – *a fol. 7 et seq.*) rilaxxata mill-imputat fis-16 ta' Dicembru 2009 u dana *stante* li din l-istqarrija ttiehdet fi zmien meta l-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-Pulizija u dana in vista tal-gurisprudenza kopjuza ricenti, b'mod partikolari dik moghtija mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fit-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg vs. Malta** u, fost l-ohrajn, dik moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2016 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Camilleri**.

Kif nghad hawn fuq, il-Qorti ser tiskarta l-istqarrija rilaxxata mill-imputat *stante* li ma tistax tigi meqjusa bhala prova ammissibbli. Naturalment, dan japplika wkoll ghal kull stqarrija li jkun ghamel l-imputat minghajr ma jkun gie moghti dan id-dritt, inkluz ghalhekk kull stqarrija verbali li jkun ghamel lill-Ufficjal Investigatur, fl-istadju tal-investigazzjoni u mhux biss l-istqarrija li titnizzel bil-miktub ghaliex l-istess ragunament japplika ghal tali stqarrija wkoll. Ghalhekk, il-Qorti ser tiskarta wkoll bhala inammissibli x-xiehda tal-Ufficjal Prosekutur in kwantu din tirreferi ghal dak li stqarr l-imputat waqt l-investigazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz jirrigwarda akkadut li sehh fit-2 ta' Dicembru 2009 ghall-habta tal-5.00pm f'San Pawl il-Bahar. Anaclet Kumbi spjega li waqt li kien mixi fit-triq ra vettura Pajero li fiha kien hemm tliet persuni, fejn, f'hin minnhom, nizel wiehed minn dawn il-persuni mill-vettura u mbuttah lura. Kumbi spjega wkoll kif mill-vettura Pajero hareg ix-xufier taghha li Kumbi jidentifikah bhala l-imputat, fejn Kumbi spjega x'ghamillu l-imputat, fosthom li qabdu u hezzu minn ghonqu u gie ferut minnu b'sikkina li hareg mill-vettura. Kumbi spjega li t-tielet persuna qatt ma harget mill-vettura u li ma kienx kapaci jaghti dettalji ta' wiccha. Da parte tieghu, l-imputat jghid li Libjan li kellu mieghu fil-vettura f'hin minnhom nizel mill-vettura u kellu xi jghid ma' Kumbi u li hu (l-imputat) cahad li kien b'xi mod ikkaguna xi feriti fuq Kumbi tant li jishaq li mar biex

iferraqhom. Iz-zewg xhieda prodotti mid-difiza, cioé Geoffrey Borg u Paul Washimba, jixhdu li l-imputat mar iferraq lil Kumbi u l-persuna l-ohra li maghha Kumbi kellu argument.

Illi jsegwi ghalhekk li l-allegat vittma Anaclet Kumbi u l-imputat qed jaghtu zewg verzjonijiet differenti.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deciza fid-19 ta' Mejju 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Illi din il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta Gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioé jistghu jigru zewg affarijiet u cioé jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-

Qorti qalet *'... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."

(Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif *del resto* hija ntitolata li taghmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".

Illi l-Qorti tinnota li, waqt id-depozizzjoni tieghu, Anaclet Kumbi ndika minghajr l-ebda rizerva lill-imputat bhala l-persuna li hareg mill-Pajero in kwistjoni, li jirrizulta hija tal-imputat, li gab sikkina minnha, li mbuttah u li ferieh. Jirrizulta li l-imputat spicca ferut f'idejh u minkejja l-ispjegazzjoni moghtija minnu dwar kif gie ferut, il-Qorti tistaqsi: ghala ma marx jaghmel rapport lill-Pulizija l-imputat wara dan kollu? Il-Qorti tinnota li m'hijiex kredibbli l-verzjoni moghtija mill-imputat meta jghid li mar iferraq glieda bejn dak il-persuna li kellu mieghu fil-vettura u Kumbi. Jirrizulta li l-

imputat spicca b'idejh feruta u minkejja li l-imputat jghid li qal lill-persuna li kellu mieghu li ma kellux ghalfejn idahhlu f'din il-bicca xoghol, jirrizulta li l-imputat ma marx jaghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija rigward dan kollu u ma jirrizultax li rrabja sew ma' dak li kellu mieghu (li huma affarijiet logici li kellu jaghmel persuna f'kaz li kien verament minnu dak li nghad mill-imputat u cioé f'kaz li l-imputat verament mar biex iferraq glieda). Tant m'huwiex kredibbli l-imputat f'dak li jghid li huwa stess jghid li wara dan kollu marru hadu *drink* u marru c-Cirkewwa *stante* li nghad fil-bidu tad-depozizzjoni tieghu li dan il-persuna ried imur Ghawdex!!

Illi minkejja li din il-Qorti ma ghexietx il-process kollu ta' dan il-kaz, mill-atti processwali, b'mod partikolari mid-depozizzjoni tax-xiehda kif moghtija mid-diversi persuni li gew imressqa f'dawn il-proceduri, il-Qorti tqies li l-verzjoni moghtija mill-allegat vittma Anaclet Kumbi ghandha mis-sewwa, u cioé li kien l-imputat li kien ferieh u li l-imputat ghamel dak li Kumbi qal li ghamel. Ma jirrizultax l-imputat mar biex iferraq glieda kif jallega l-istess imputat fid-depozizzjoni tieghu. Dan qieghed jinghad wara li gie kkunsidrat dak kollu li nghad hawn fuq u minhabba li d-depozizzjoni ta' Anaclet Kumbi hija aktar cara u konsistenti minn dik moghtija mill-imputat, b'mod specjali, pero' mhux limitatament, meta fid-depozizzjoni tieghu Kumbi jghid li kien gharaf l-imputat bhala l-persuna li ghamillu l-qatghat go wiccu u li kellu s-sikkina f'idejh, li kellu d-dettalji ta' l-incident f'mohhu u ftakar anke l-kulur tal-vettura tal-Pajero tal-imputat. Apparti minn dan, fir-rigward taz-zewg xhieda pajzana mressqa mill-imputat, liema zewg xhieda xehdu li l-imputat mar biex iferraq il-glieda, bhala stat ta' fatt jinghad li dawn iz-zewg persuni tfaccaw wara li l-kawza kienet ilha tinstema' ghal diversi snin. Mill-okkorrenza redatta mill-Pulizija ma jirrizultawx. L-imputat seta' informa lill-Pulizija bl-ezistenza taghhom meta sar jaf bihom u, fin-nuqqas ta' dan, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, inkluz dak li nghad aktar il-fuq f'din is-sentenza, il-Qorti mhijiex ser tikkunsidra bhala kredibbli d-depozizzjoni moghtija minnhom u dana b'mod specjali meta jigi kkunsidrat li filwaqt li meta Geoffrey Borg xehed li huwa qal li ra lill-imputat iferraq pero' meta in kontro-ezami gie mistoqsi jghid x'rah jaghmel ezatt qal: *"Issa jien naf ezatt x'ghamel"* (*a fol.* 245), x-

xhud Paul Washimba qal li kien mixi ma' Kumbi, meta ma jirrizultax li Kumbi kien mixi ma' xi hadd, la mid-depozizzjoni ta' Kumbi u anqas mill-okkorrenza.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Feriti ta' Natura Gravi fil-konfront ta' Anaclet Kumbi)</u>:**
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kkawza griehi ta' natura gravi fil-konfront ta' Anaclet Kumbi.

Illi, fir-rigward tal-griehi sofferti minn Anaclet Kumbi, il-Qorti tinnota li fid-decizjoni moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut** deciza fit-2 ta' Awwissu 1999, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:

> "Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala' xi dubju raġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża".

Illi fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Lulju 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-Gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-Gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-Qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar,

> fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-Gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".

Illi, da parte tieghu, Kumbi jishaq li kien l-imputat li ferih b'sikkina u li hu gie ferut bis-sikkina hdejn imniehru u anke hdejn widnejh. Apparti x-xiehda moghtija minn Anaclet Kumbi (*a fol.* 25 *et seq.*) fejn xehed rigward il-griehi sofferti minnu u apparti r-ritratti (Dok. "AP 2" – *a fol.* 22), il-Qorti taghmel riferenza ghad-depozizzjoni moghtija minn Dr. Jurgen Ronald Gatt u ghac-certifikat mediku (Dok. "AP" – *a fol.* 18) rilaxxat minnu. Dr. Gatt xehed li ezamina lil Kumbi fit-2 ta' Dicembru 2009 fejn jirrizulta li kellu *laceration* ta' 2cm *over the cheek* u kif ukoll *laceration* fil-widna tax-xellug. Spjega li fl-opinjoni tieghu dawn il-griehi setghu gew kagunati b'xi haga *sharp*. Huwa kklassifika l-griehi bhala gravi peress li setghu jhallu marka permanenti fil-wicc.

Tenut kont ta' dan kollu, m'hemmx dubju li mill-provi prodotti jirrizulta li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha b'dan illi l-Qorti tinnota li l-htija taht din l-imputazzjoni tirrizulta minhabba l-fatt li gie pruvat li l-imputat kkawza l-griehi gravi sofferti minn Kumbi b'sikkina.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Komplicita' F'Serq Ikkwalifikat Bi Vjolenza)</u>**:
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li rrenda ruhu komplici ma' persuna ohra f'serq ikkwalifikat bil-vjolenza ghad-detriment ta' Anaclet Kumbi.

Illi, fid-depozizzjoni tieghu, Kumbi jghid li wara li gie maqbud mill-*haversack* li kellu u li z-zewg persuni nehhewlu l-*haversack* minn fuqu, fethuh u hargu kollox minnu u l-imputat hadlu t-tadam u ghamlu ma' halqu. Jghid: *"Wara ha l-basket u anke l-ID card. Gara kollox ma' l-art, pogga l-ID card tieghi go halqu, kompla jiftah il-bieba tal-*

*karozza bl-ID card dejjem bejn xuftejh"* (*a fol.* 28). Jghid li dan id-dokument ghamlu fil-basket, telaq u peress li l-bott tat-tadam kien mitfugh band'ohra hu mar u gabru u mar l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra u spjega x'gara. Jghid li fil-*haversack* kellu €20.00 u mistoqsi jghid min hadhomlu, wiegeb: *"Il-flus waqghu ma' l-art"* (*a fol.* 34). Jghid: *"jiena minix cert jekk kienx hu jew il-persuna l-ohra imma xi hadd minnhom hadhom"* (*a fol.* 34).

Illi riferenza sejra ssir ghall-okkorrenza li tinsab immarkata bhala Dok. "IM" (*a fol.* 83 *et seq.*), fejn hemm imnizzel, fost l-ohrajn, is-segwenti: "*one of them who he described as being fairly well built hit him with a knife and took the amount of €30 from him"* (*a fol.* 84).

Illi, minkejja dak li jirrizulta fl-okkorrenza kif hawn fuq kwotat, il-Qorti ma tistax ma tinnotax dak li jirrizulta mid-depozizzjoni ta' Kumbi kif imsemmi hawn fuq. Apparti l-fatt li ma jirrizultax car x'insteraq minn Kumbi, u dana *stante* li fid-depozizzjoni tieghu huwa jghid li l-flus waqghu ma' l-art, fl-istess waqt fl-istess depozizzjoni msemmija jghid li m'huwiex cert minn ha l-flus.

Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat taht it-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imsemmija imputazzjoni.

**It-Tielet (3) Imputazzjoni –**
**(Arrest, Detenzjoni jew Sekwestru kontra l-Ligi):**

Illi, filwaqt li l-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Marzu 2019 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Josmar Pace**, il-Qorti tinnota li ma jirrizultax li l-imputat arresta, zamm jew xi hin issekwestra lil Anaclet Kumbi u b'hekk it-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat ma tirrizultax u l-imputat ser jigi liberat minnha.

**Ir-Raba' (4) u l-Hames (5) Imputazzjoni –**
**(Arma Regolari Waqt Kommissjoni)**
**(Zamma u Garr ta' Strument li Jaqta' u bil-Ponta minghajr Licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija):**

Illi l-imputat qed jigi akkuzat b'zamma u garr ta' strument li jaqta' u bil-ponta (li fiz-zewg imputazzjonijiet imsemmija giet indikata bhala sikkina) minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija. L-imputat qed jigi akkuzat ukoll li waqt li kien qed jaghmel delitt kontra persuna kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari cioé strument li jaqta' u bil-pont, cioé is-sikkina. Apparti dak li nghad hawn fuq fir-rigward tal-griehi sofferti minn Kumbi u min ikkagunahomlu u apparti dak li qal Dr. Jurgen Gatt fid-depozizzjoni tieghu rigward biex setghu gew kagunati l-griehi sofferti minn Kumbi, jirrizulta mid-depozizzjoni ta' Kumbi, li nghad aktar il-fuq hija l-aktar kredibbli (u dana b'differenza lejn dik moghtija mill-imputat), li l-imputat kellu sikkina li biha kkagunalu l-feriti. Isegwi ghalhekk li kemm ir-raba' (4) u kif ukoll il-hames (5) imputazzjoni addebitati fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghhom.

**<u>Is-Sitt (6) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Hebb Kontra l-Persuna ta' Anaclet Kumbi)</u>:**
Illi l-Artikolu tal-Ligi minn fejn temergi din l-imputazzjoni ma giex indikat fin-Nota ta' Rinviju ta' l-Avukat Generali.

Illi din il-Qorti hija marbuta bid-disposizzjonijiet tal-ligi ndikati fin-Nota ta' Rinviju u ma tistax issib htija taht xi disposizzjoni tal-ligi li ma tigix hemmhekk indikata. Dan gie ritenut, fost l-ohrajn, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Grima**, deciza fit-2 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Id-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Geoffrey Montebello et** moghtija fid-19 ta' April 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali rriteniet ukoll li l-Qorti kienet prekluza milli ssib htija taht Artikolu partikolari tal-ligi ghaliex dan l-Artikolu ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju. Dan l-insenjament ghandu japplika fir-rigward tas-sitt (6) imputazzjoni *stante* li ma giex indikat l-artikolu tal-ligi minn liema jemergi u ghaldaqstant il-Qorti ser tasjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni in ezami.

**Is-Seba' (7) Imputazzjoni**
**(Ksur ta' Provediment ta' Sentenza Sospiza):**
Illi taht is-seba' (7) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kiser il-provediment ta' sentenza ta' tliet (3) xhur prigunerija li giet sospiza ghal tliet (3) snin liema sentenza jinghad li giet moghtija fil-11 ta' Mejju 2007.

Illi l-Qorti tinnota li l-atti jikkontjenu vera kopja tas-sentenza moghtija fil-11 ta' Mejju 2007, liema sentenza giet immarkata bhala Dok. "AP 1" (*a fol.* 93 *et seq.*), ghal liema sentenza taghmel riferenza l-imputazzjoni in ezami. Minkejja li fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2010 (*a fol.* 125) id-difiza ddikjarat li kienet qed tinsisti fuq il-prova tal-identita' ghal fini tas-sentenza ezebita, il-Qorti tinnota li dan ma kienx necessarju u dana *stante* li l-konnotati kontra min inghatat din is-sentenza huma identici (ghajr ghall-indirizz residenzjali) ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna u b'hekk ma ghandu jkun hemm l-ebda dubju li s-sentenza immarkata bhala Dok. "AP 1" (*a fol.* 93 *et seq.*) giet moghtija fil-konfront tal-imputat fil-kawza odjerna.

Illi jirrizulta li s-sentenza ta' tliet (3) xhur prigunerija sospiza ghal tliet (3) snin inghatat fil-11 ta' Mejju 2007 u jirrizulta wkoll li l-kawza odjerna taghmel riferenza ghat-2 ta' Dicembru 2009 li jfisser li s-seba' (7) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha.

**Recidiva *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**:
Illi qed jintalab ukoll li l-imputat jigi kkunsidrat li huwa recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghandu jinghad li apparti s-sentenza mmarkata bhala Dok. "AP 1" (*a fol.* 93 *et seq.*) li giet imsemmija hawn fuq, l-atti processwali jikkontjenu wkoll vera kopja ta' sentenza moghtija fit-2 ta' April 2008 (*a fol.* 135 *et seq.*). Bhal fil-kaz ta' Dok. "AP 1" (*a fol.* 93 *et seq.*), wara li ssir riferenza ghall-konnotati kontra min inghatat din is-sentenza (u cioé dik li tinsab *a fol.* 135 *et seq.*), m'ghandu jkun hemm

l-ebda dubju li din is-sentenza (li tinsab *a fol.* 135 *et seq.*) giet moghtija fil-konfront tal-imputat fil-kawza odjerna.

Illi jsegwi ghalhekk li l-Qorti trid issa tara jekk l-imputat ghandux jigi kkunsidrat li huwa recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti tinnota s-segwenti:

- fir-rigward tas-sentenza moghtija fil-11 ta' Mejju 2007 (Dok. "AP 1" – *a fol.* 93 *et seq.*), l-imputat gie kkundannat ghall-hlas ta' ammenda u kif ukoll ghal sentenza ta' tliet xhur prigunerija liema terminu gie sospiz ghal perjodu ta' tliet snin;

- fir-rigwarda tas-sentenza moghtija fit-2 ta' April 2008 (*a fol.* 135 *et seq.*), l-imputat gie kkundannat ghall-hlas ta' multa.

Filwaqt li fir-rigward tas-sentenza datata 11 ta' Mejju 2007 (Dok. "AP 1" – *a fol.* 93 *et seq.*) ghandu jinghad li jirrizulta li s-sentenza ta' prigunerija t-terminu ta' liema gie sospiz jirrizulta li l-piena kienet ghadha ma gietx skontata u dana *stante* li t-terminu sospiz ta' prigunerija kien ghadu ghaddej, jinghad ukoll li ma giex pruvat jekk l-ammenda u l-multa li jsiru riferenza ghalihom fiz-zewg sentenzi hawn fuq imsemmija gewx imhallsa jew inkella gewx konvertiti fi prigunerija u b'hekk ma jirrizultax li l-piena giet skontata skond kif jirrikjedi Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan qieghed jinghad in vista ta' dak li gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Said** deciza fl-10 ta' Lulju 2015, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali sahqet is-segwenti:

> "B'danakollu, id-diċitura tal-Artikolu 50 ma jidhirx li jħalli alternattiva lill-Qorti ħlief li tagħti lill-kliem tal-istess artikolu t-tifsira naturali tiegħu u ċioé li t-termini preskritti fl-Artikolu 50 għall-finijiet tal-awment tal-piena jiskattaw meta l-ewwel sentenza tkun giet **skontata**. Peress li s-sentenza ma tistax titqies skontata jekk il-multa ma tkunx ġiet mħallsa, jew konvertita fi priġunerija li tiġi skontata, allura fil-każ li ma jirriżultax li l-piena tal-multa tkun ġiet imħallsa l-awment fil-piena minħabba r-reċidiva ma japplikax. Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li ma setax isir

> awment fil-piena minħabba reċidiva fuq l-iskorta tas-sentenza tas-7 ta' Marzu 2008 peress li ma jirriżultax li l-piena tal-multa imposta f'dik is-sentenza kienet ġiet mħallsa jew ġie skontat xi perjodu ta' priġunerija minflok dik il-multa" [emfazi mizjuda minn din il-Qorti].

Ghaldaqstant, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti tinnota li ser tikkunsidra lill-imputat bhala recidiv biss *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana *stante* li l-Qorti ma tista' bl-ebda mod tikkunsidra lill-imputat bhala recidiv *ai termini* ta' Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjonijiet li gew sodisfacentement pruvati huma s-segwenti: l-ewwel (1), ir-raba' (4), il-hames (5) u s-seba' (7) imputazzjoni. L-imputat ser jigi kkunsidrat li huwa recidiv *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti hasbet fit-tul rigward il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat. Fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti, ser tiehu in konsiderazzjoni s-segwenti: in-natura tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat u li gew pruvati, il-fedina penali (Dok. "AP 2" – *a fol.* 12 *et seq.*) tal-istess imputat u t-tul ta' zmien li ghadda mindu gew kommessi r-reati addebitati fil-konfront tal-imputat sallum. Il-Qorti tinnota li l-atteggjament tal-imputat fil-konfront ta' Kumbi kien wiehed li setgha jigi facilment evitat. L-attakk tal-imputat fuq Kumbi huwa ta' min jistmerru. Il-vjolenza qatt m'ghandha tigi tollerata. Tenut kont ta' dan kollu u tenut kont tal-fatt li l-imputat kiser il-provediment ta' sentenza ta' prigunerija t-terminu ta' liema kien sospiz, il-Qorti tinnota li ghandha timponi piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat, b'dan illi ggib ukoll fis-sehh is-sentenza ta' tliet xhur prigunerija li kienet giet sospiza ghal tliet (3) snin.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li

tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt (6) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat,

ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni addebitati fil-konfront tieghu u talli rrenda ruhu recidiv *ai termini* ta' Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk tilliberah minnhom,

wara li rat

Artikoli 28B, 49, 214, 216(1)(b) u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

u

Artikoli 6 u 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta,

issib lill-imputat Said Bouslama hati tal-ewwel (1), tar-raba' (4), tal-hames (5), u tas-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kif ukoll talli rrenda ruhu recidiv *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 ta' Malta

u

tikkundannah

ghall-hlas ta' multa ta' mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47)

u,

filwaqt li ggib fis-sehh is-sentenza ta' tliet (3) xhur prigunerija li kienet giet sospiza ghal tliet (3) snin[1], tikkundanna lill-imputat ghal perijodu iehor ta' disa' (9) xhur prigunerija, biex b'hekk l-imputat ikun gie globalment kundannat ghal perjodu ta' tnax (12)-il xahar prigunerija.

---

[1] Dok. "AP 1" – *a fol.* 93 *et seq.*.

Finalment, peress illi l-Qorti hi tal-fehma li, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, fir-rigward ta' dak li xehdu Geoffrey Borg u Paul Washimba u li setghu rrendew lilhom innifshom hatja ta' spergur fi proceduri kriminali, tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jaghmel l-investigazzjonijiet opportuni u fl-eventwalita' li jirrizultawlu provi sufficjenti jiehu dawk il-proceduri ulterjuri kontra Geoffrey Borg u Paul Washimba li jkunu opportuni u tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi minnufih komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Generali.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**